



Brussell, 23 ta' Frar 2024
(OR. en)

6795/24

LIMITE

COMPET 199
IND 98
POLCOM 66
RELEX 220
AELE 12

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Memorandum ta' Qbil bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar sħubija dwar ktajjen tal-valur sostenibbli tal-materja prima estratta mill-art u tal-batteriji <i>- Awtorizzazzjoni biex jiġi ffirmat strument mhux vinkolanti</i>

1. Fis-7 ta' Lulju 2022, il-Kummissjoni infurmat lill-Grupp ta' Ħidma dwar il-Kompetittività u t-Tkabbir (Industrija) dwar l-intenzjoni tagħha li tidħol f'diskussjonijiet biex tfassal Memorandum ta' Qbil fisem l-UE biex tiġi stabbilita sħubija dwar ktajjen tal-valur sostenibbli tal-materja prima estratta mill-art u tal-batteriji man-Norveġja¹.
2. Is-sħubija, bħala strument mhux vinkolanti, għandha l-għan li tistabbilixxi qafas komprensiv għal kooperazzjoni orjentata lejn il-futur u fit-tul bejn l-UE u n-Norveġja fl-oqsma potenzjali ta' kollaborazzjoni li ġejjin:
 - integrazzjoni ekonomika u industrijali aktar mill-qrib tan-Norveġja u tal-UE fil-ktajjen tal-valur strateġiċi tal-materja prima primarja u sekondarja u tal-batteriji, b'mod partikolari permezz tal-immappjar tar-riżorsi, l-identifikazzjoni ta' proġetti tul il-ktajjen tal-valur rispettivi, il-faċilitazzjoni tal-opportunitajiet u r-rabtiet kummerċjali u l-attrazzjoni tal-investment privat, kif ukoll l-iżgurar tal-funzjonament tajjeb u tar-reżiljenza ta' dawn il-ktajjen tal-provvista kritiċi;

¹ WK 9851/2022.

- kooperazzjoni bilaterali aktar mill-qrib fir-riċerka u l-innovazzjoni;
 - l-applikazzjoni ta' linji gwida u l-aħjar prattiki dwar standards ambjentali, soċjali u ta' governanza għoljin, inkluż fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet tal-popli indیgeni, tul il-ktajjen tal-valur tal-materja prima;
 - l-identifikazzjoni u l-użu ta' strumenti finanzjarji u ta' tnaqqis tar-riskji għall-investment; u
 - l-iżvilupp tal-ħiliet meħtieġa għal impjiegi ta' kwalità għolja f'dawn is-setturi tat-teknoloġija nadifa.
3. Fit-12 ta' Frar 2024, il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Kompetittività u t-Tkabbir (Industrija) irċieva nota ta' informazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-Memorandum ta' Qbil li għandu jiġi ffirmat fisem l-UE mar-Renju tan-Norveġja, li jistabbilixxi sħubija dwar ktajjen tal-valur sostenibbli tal-materja prima estratta mill-art u tal-batteriji, bl-abbozz tat-test tal-Memorandum ta' Qbil mehmuz².
4. Il-Memorandum ta' Qbil bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar sħubija dwar ktajjen tal-valur sostenibbli tal-materja prima estratta mill-art u tal-batteriji, li jinsab fid-dokument 6911/24, jikkostitwixxi strument mhux vinkolanti. Il-Memorandum ta' Qbil jippreżenta l-intenzjonijiet taż-żewġ sħab. Huwa ma jorbotx legalment lis-sħab.
5. Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Kompetittività u t-Tkabbir (Industrija) eżamina l-abbozz ta' Memorandum ta' Qbil bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar sħubija dwar ktajjen tal-valur sostenibbli tal-materja prima estratta mill-art u tal-batteriji fil-laqgħa tiegħu tad-19 ta' Frar 2024. Id-delegazzjonijiet laqgħu b'mod ġenerali l-Memorandum ta' Qbil u indikaw appoġġ ġenerali għall-proposta tal-Kummissjoni li tiffirmah fisem l-Unjoni.

² WK 2356/2024 + ADD 1.

6. Wara l-eżami mill-Grupp ta' Ħidma, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub:

- jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test tal Memorandum ta' Qbil kif jinsab fid-dokument 6911/24;
- jirrakkomanda li l-Kunsill jawtorizza lill-Kummissjoni tiffirma, fisem l-Unjoni, il-Memorandum ta' Qbil, kif jinsab fid-dokument 6911/24, bħala punt "A" fuq l-aġenda ta' laqgħa li jmiss tal-Kunsill.
